MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru 987/2009

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Carmel Sultana
Carmel Mugliett

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 81550(M) u 457762(M) rispettivament akkuzati talli:

1. nhar it-22 ta’ Settembru 2009, ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofs inhar, minn gewwa r-residenza numru 2, Triq it-Trunciera San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Enrico Zammit u AnnMarie Zammit minn San Pawl il-Bahar;

2. fl-istess data u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxu dawn l-oggetti;

3. saru recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

l-akkuzi huma ta' serq u recidiva stante li l-akkuza ta' ricettazzjoni hi akkuza alternattiva. L-imputati però apparti kollox ghandhom fedina penali nefrettarja li ma thalli ebda lok ghal piena li m'hiex karcerarja nonostante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata f'dan l-istadju tal-proceduri.

Rat l-artikolu 261(b)(c), 264, 267, 279(b), 49 u 50 tal-Kap 9, tikkundannhom seba' xhur habs kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------